MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2013

Numru. 103/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone u Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**Vs**

**Daniela Spiteri,** ta’ 31 –il sena, bint Carmelo u Mary nee’ Spiteri, imwielda il-Pieta’, Malta, nhar it-22 ta’ Dicembru 1981 u residenti Block D, Flat 1, Triq Bertha K.llg, Ta’ Giorni, San Giljan, Malta u detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 22282M

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata talli bejn il-15 u l-24 ta' Settembru 2013 minn gewwa l-istabiliment bl-isem Arkadia, fir-Rabat Ghawdex, f'hinijiet differenti:

1) Ikkomettiet serq ta' oggetti li jikkonsistu fi hwejjeg, liema serq huwa aggaravat bil-hin u ammont ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tas-sidien tal-istabbiliment bl-isem Arkadia u/jew persuni ohra.

2) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahhlet sabiex tbieghhom jew tmexxihom.

Rat li waqt l-udjenza tallum mizmuma minn din il-Qorti l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatha zmien jikkunsidraw il-posizzjoni taghhom.

Rat li l-ufficjali prosejuturi ddikjaraw li t-tieni imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni.

Rat il-verbal tal-udjenza tallum stess.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha  u ghalhekk din hija sodisfacjentement pruvata.

Illi t-tieni imputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni li giet ammessa mill-imputat; il-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hames imputazzjoni

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qeghda tinstab hatja l-imputati, il-

koperazzjoni taghha mal-Pulizija, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri u l-fedina penali taghha li mhix wahda netta. Il-qorti hadet in kunsiderazzjoni wkoll li l-imputata ghandha problema serja ta’ droga u ghalhekk jehtieg li tigi ggwidata sabiex tohrog minn din il-problema.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 261(c), 267, 279(b) u 280(1), 261(f) u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tpoggiha taht ordni ta’ probation ghall-perjodu ta’ tlett (3) snin bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk tikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin u jekk ma toqoghdx ghall-ordnijiet lilha moghtija.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta’ din is-sentenza lid-Direttur ta’ l-Ufficcju tal-Probation.

Kopja ta’ din is-sentenza ghandha tintbaghat lill-Avukat Generali skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------